**Ruling mill-Ispeaker Anġlu Farrugia mogħti f'Seduta 285 tat-8 ta' Lulju 2015 dwar l-aġġornament tal-Kamra**

Se nagħti dan ir-*ruling*:

Is-Sedja semgħet liż-żewġ naħat tal-Kamra wara li l-Oppożizzjoni qiegħda toġġezzjona li jsir l-Aġġornament tax-Xogħol tal-Kamra tan-naħa tal-Gvern għal għada l-Erbgħa filgħodu fid-9.00 a.m. Dan wara li s-Sedja rat l-Ordni Permanenti 8 kif diġà ġie ċċitat li jaqa' taħt it-titolu "Seduti, *quorum*, aġġornamenti u għeluq" fejn dan kien diġà ġie diversament deċiż u interpretat f'diversi *rulings* preċedenti fosthom tal-Ispeaker Louis Galea, 29 ta' Jannar 2009, fejn kien deċiż li s-Sedja tinnota li saret il-prassi kostanti li l-Kamra tiltaqa' regolarment it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa u l-Ministru tal-Gvern jista' jaġġorna x-xogħol tal-Kamra għal waħda minn dawn il-ġranet sakemm ma jkunx hemm ftehim differenti tal-Kamra dwar il-ġranet u l-ħinijiet meta jiltaqa'. Dan kif ukoll indikat mill-iSpeaker Michael Frendo fir-*ruling* tat-8 ta' Ottubru tal-2012, seduta 505 li inti ċċitajt, Onor. David Agius.

Ġaladarba qed issir Mozzjoni ta' Aġġornament min-naħa tal-Gvern ċjoè minn Ministru tal-Gvern li tkun ir-regola. Dan kif jingħad ukoll fl-Erskine May, fl-24 edizzjoni, f'paġna 341 fejn jingħad li:

> *"Motions for the adjournment are moved and can therefore in accordance with the custom of the House be moved only by a Minister."*

Ladarba qed issir Mozzjoni ta' Aġġornament, meta ssir u jekk issir fl-Aġġornament għal għada fid-9.00 a.m. li tkun waħda li ladarba taqa' taħt waħda mill-ġranet tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa allura f'dak il-każ l-Aġġornament ikun jista' jsir u l-Mozzjoni kif tkun intavolata tista' ssir ukoll għal għada fid-9.00 a.m. Grazzi.